MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 400/2012

**Avukat Dr. Malcolm Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera MEDA Pharma GmbH & Co. KG tal-Germanja**

**vs**

**Joseph Cassar Limited (C – 2510)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat id-19 t'April, 2012, li permezz tieghu, ir-rikorrenti nomine fuq indikat sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` estera minnu rapprezentata bieghet u kkonsenjat diversi medicini tul diversi snin lis-socjeta` intimata;

1.2 Illi konsegwentement l-istess socjeta` intimata ghandha taghti l-ammont t'erbghin elf mija u tmien Ewro u tmien centezmi, (€40,108.08);

1.3 Illi l-ammont dovut mis-socjeta` intimata qatt ma gie minnha negat u nonostante li debitament interpellata, baqghet inadempjenti;

1.4 Illi l-ammont dovut hu cert, likwidu u dovut u m'hemm l-ebda eccezzjonijiet x'jinghataw fir-rigward;

1.5 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti nomine jitlob lil din il-qorti:

1.5.1. Tiddeciedi fuq it-talba tieghu bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti nomine l-ammont fuq gia` indikat t'erbghin elf, mija u tmien Ewro u tmien centezmi, (€40,108.08);

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat;

2.0. Rat il-verbal datat it-28 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu jirrizulta sintetikament li:

2.1 Is-socjeta` intimata giet debitament notifikata skont il-ligi bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz konsegwenzjali ghas-smiegh;

2.2 Il-perjodu ghar-risposta tas-socjeta` intimata ghadda inutilment stante li ma intavolat l-ebda risposta fit-terminu preskritt;

2.3 Ghalhekk is-socjeta` intimata hi fi stat ta' kontumacja;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Semghet lix-xhud prodott li kkonferma li s-socjeta` intimata baqghet ma hallsitx l-ammont minnha dovut lir-rikorrenti nomine;

5. Rat il-verbal taghha datat it-28 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu iddifferiet il-kawza ghas-sentenza, b'dan li s-socjeta` intimata inghatat il-perjodu hemm indikat biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha skont il-ligi fit-terminu hemm specifikat, (ara fol 97);

6. Tirrileva li l-perjodu moghti lis-socjeta` intimata ghas-sottomissjonijiet taghha ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi konsegwenza tas-suespost din il-qorti tqis li r-rikorrenti nomine ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement din il-qorti, filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tal-istess rikorrenti nomina tilqa' ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti nomine u konsegwentement:

7.1 Tordna li l-procedura *de quo* tigi konkluza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.2 Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Joseph Cassar Limited* thallas lir-rikorrenti nomine fuq indikat l-ammont t'erbghin elf, mija u tmien Ewro u tmien centezmi, (€40,108.08);

7.3 Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess socjeta` intimata fuq indikata.

_____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------